2023/2236

9.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 80/2023

tat-28 ta' April 2023

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2236]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2086 tal-5 ta' Lulju 2021 li jemenda l-Annessi II u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-għan li jiżdiedu l-imlieħ tal-fosfat preċipitati u d-derivati tagħhom bħala kategorija ta' materjal komponent fil-prodotti fertilizzanti tal-UE ([1]) għabdu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2087 tas-6 ta' Lulju 2021 li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bil-għan li jiżdiedu l-materjali tal-ossidazzjoni termali u d-derivati tagħhom bħala kategorija ta' materjal komponent fil-prodotti fertilizzanti tal-UE ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2088 tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bil-għan li jiżdiedu l-materjali ta' piroliżi u ta' gassifikazzjoni bħala kategorija ta' materjal komponent fil-prodotti fertilizzanti tal-UE ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 1 (ir-Regolament (KE) Nru 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIV tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"- **32021 R 2086**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2086 tal-5 ta' Lulju 2021 (ĠU L 427, 30.11.2021, p. 120),

- **32021 R 2087**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2087 tas-6 ta' Lulju 2021 (ĠU L 427, 30.11.2021, p. 130),

- **32021 R 2088**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2088 tas-7 ta' Lulju 2021 (ĠU L 427, 30.11.2021, p. 140)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2021/2086, (UE) 2021/2087 u (UE) 2021/2088 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 427, 30.11.2021, p. 120.
([2]) ĠU L 427, 30.11.2021, p. 130.
([3]) ĠU L 427, 30.11.2021, p. 140.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 77/2022 tat-28 ta' April 2023 ([4]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([4]) ĠU L, 2023/2233, 9.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/2023/2233/oj.